MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 528/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Galea Scanura)**

**Vs**

Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Joseph Zammit ta' karta ta' identita' numru 543458(M), akkuzat talli:

Fit-22 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tal-4:15 p.m. fi Triq Anlete Spiteri Qormi; ikkommetta serq ta' kaxxa whisky li l-valur taghha huwa ta' Lm80 ghad-dannu ta' Reuben Vella minn Hal-Qormi.

Semghet ix-xhieda li gabet il-prosekuzzjoni.

Rat l-verbali registrati f'din il-kawza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq ta' kaxxa wiskey.

La mill-provi u lanqas mic-citazzjoni ma jirrisulta li s-serq hu akkompanjat b'xi aggravju, ghalhekk huwa serq semplici, li jaqa' fil-kompetenza originali ta' din il-Qorti.

Mill-provi prodotti x-xhieda tikkonsisti biss f'"hearsay".

Ghalhekk taqta u tiddecidi billi ma ssibx l-akkuzat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------